**25 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Charles Degiorgio ne.

*versus*

Austin Agius et.

**Vettura tal-Mutur — Assikurazzjoni — "Proposal Form" — Annullament — Bwona Fede — Rinunzja — Fedina Penali.**

*F'materja ta' assikurazzjoni ta' karrozza, id-dettalji jekk il-proponent kienx misjub ħati għal ħtijiet rigwardanti s-sewqan huma tali li jinteressaw lill-assikuratur, u kwindi għandhom jissemmew biex huwa jista' jivvaljahom u jiddeċidi jekk jaċċettax li jassikura l-proponent, u f'każ affermattiv taħt liema kondizzjonijiet.*

*Il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bħala wieħed tal-aqwa bwona fede, u l-proponent għandu jagħti risposta ċara dwar dettalji li jiġu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form"; anzi hu ġeneralment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li raġjonevolment għandu jħoss li hu rilevanti għall-assikuratur li jkun jaf, u dan anki jekk ma jkunx mistoqsi. U jekk il-proponent ma jagħtix lill-assikuratur il-kwadru sewwa u eżatt tal-oġġett tal-kuntratt, u dan jagħmlu in bwona fede, din għandha mportanza biss relattiva, u ferm relattiva; u l-assikuratur ikollu d-dritt*

*jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt tal-assikurazzjoni, purkè d-dettalji ommessi jkunu tali li jinfluwixxu fuq id-deċiżjoni biex l-assikuratur jasal għall-kuntratt fil-forma li jkun iffirmaħ.*

*Meta l-"proposal form" tiġi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna oħra, din titqies li mliet il-formola għall-proponent, u mhux għall-assikuratur, speċjalment meta l-proponent, qabel ma jiffirma l-"proposal form", ikun ħares lejha u aċċerta ruħu li kollox sar sewwa, u b'hekk assuma r-responsabbiltà tad-dikjarazzjonijiet magħmula fiha.*

*Jekk il-proponent jammetti li jsemmi fil-"proposal form" xi kundanni li kellu dwar "traffic offences", dan hu fatt li jinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-assikuratur qabel jaċċetta li jassikura lill-proponent, għax jista' jiżvijaħ fid-deċiżjoni tiegħu; u jikkostitwixxi raġuni tajba biex l-assikuratur jista' jitlob l-annullament tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li jkun iffirma.*

*Imma, mill-banda l-oħra, jekk bl-atteġġjament u bl-aġir tiegħu wara li jkun sar jaf b'dawk il-kundanni, l-assikuratur juri li hu baqa' jżomm validu l-kuntratt, hu jiġi li rrinunzja għall-azzjoni talvolta lilu kompetenti biex jitlob l-annullament tal-assikurazzjoni; għax dak l-atteġġjament u aġir ma jkunx konċiljabbli mal-azzjoni tal-annullament.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut assikura l-karrozza numru 22832 mad-ditta attriċi assikuratriċi b'polza tal-assikurazzjoni "comprehensive" numru M.P. 10175; u illi, biex ottiena din il-polza ta' assikurazzjoni huwa għamel dikjarazzjoni fil-"proposal form" (dok. A) li ma tikkorrispondix għall-veri fatti, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, liema fatti hekk erroneament dikjarati kienu kaġun li żvijaw lid-ditta attriċi assikuratriċi għar-rilaxx tal-imsemmija polza, billi dawn il-fatti huma ta' mportanza materjali għall-otteniment tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni: previja d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u wara li jittieħdu l-provvedimenti opportuni, talab li mħabba l-fatti

fuq esposti, il-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, numru M.P. 10175, tiġi mħassra, billi l-konvenut bl-aġir tiegħu żvija lid-ditta attriċi assikuratriċi għar-rilaxx tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni, billi għamel dikjarazzjonijiet foloz fuq fatti ta' mportanza materjali fil-"proposal form". Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni preżenti hija diretta biex id-ditta attriċi twaqqa' *l-kuntratt ta' assikurazzjoni* li għamlet mal-konvenut Agius, peress li dan, fil-"proposal form" li għamel preordinatament għall-istess ma tax id-dettalji li kien tenut jagħti, u li kienu ta' mportanza, b'mod li huwa żvijaha biex taċċetta li tagħmel miegħu l-istess kuntratt. Dawn id-dettalji hija ppreċiżat fid-dikjarazzjoni li kienu jirrigwardaw il-"convictions" li l-konvenut kellu dwar sewqan u l-fatt li l-karrozza ma kienetx tiegħu kif iddikjara;

Illi għandu jiġi hawn notat li fil-"proposal form" hemm id-dikjarazzjoni li l-proponent qal sewwa il-fatti kollha li kellu jagħti, u li huwa fisser sewwa kull fatt ta' rilevanza, u li d-dikjarazzjoni hija l-bażi tal-kuntratt. Il-kwistjoni, kif imqegħdha mill-attur nomine, hija fil-fatt li għad-domanda li ġġib in-numru 12 f'dik il-formola, li titlob informazzjoni dwar kundanni fuq sewqan fl-aħħar ħames snin, fl-istess formola hemm linja li l-attur jgħid li għandha tiftiehem bħala risposta negattiva; u t-teżi attriċi hi fis-sens li, ladarba dan huwa fatt materjali, u wara nvestigazzjonijiet li saru rriżulta lil-konvenut kien ġie misjub ħati fuq akkużi *relattivi għal sewqan li hekk hu ġie* żamm mill-assikuratur, dan għandu d-dritt jirripudja l-kuntratt ta' assikurazzjoni. Il-kwistjoni dwar il-proprijetà tal-karrozza ma ġietx fil-fatt segwita b'akkaniment, u anzi wieħed jista' jgħid li ma ssemmietx iżjed. Del resto, anki jekk il-konvenut ma kienx is-sid, u kellu "hire purchase agreement", hu kellu nteress li jassikura l-karrozza; u dan il-fatt ma hux ta' mportanza tali li jinfluwixxi fuq il-kondizzjonijiet tal-kuntratt;

Illi l-propożizzjoni tal-attur nomine, kif enunċjata,

fiha iżjed minn aspett wieħed, billi tinvolvi iżjed minn kwistjoni waħda; per eżempju, waħda jekk il-fatt mhux dikjarat huwiex ta' mportanza, u jekk il-linja flok risposta għandhiex tiftiehem risposta negattiva. Fuq dawn iż-żewġ aspetti, mbgħad, qamu kwistjonijiet oħra, peress li l-formola ma mlijiex il-konvenut stess, iżda ċertu Philip Gatt, li kien iressaq xogħol ta' assikurazzjoni lid-ditta attriċi; u *kwindi għandu jiġi eżaminat jekk dan ġiex irrinunzja*, u setgħax jirrinunzja għall-informazzjoni mitluba, li a sua volta tiddependi mill-kwistjoni l-oħra jekk hu kienx l-aġent tal-attur nomine u l-estensjoni tal-fakoltà tiegħu, u tidħol ukoll il-bwona fede tal-konvenut u l-konsegwenza tal-istess fuq il-kwistjoni prinċipali;

Illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ġa riportati, jirraġġiraw fuq dawn il-kwistjonijiet, ħlief dik mogħtija fit-tieni lok, fis-sens li bl-atteġġjament tiegħu wara li kien jaf bil-fatti kollha l-attur nomine ġie rrinunzja għal kull azzjoni li kellu qabel u għalhekk hemm bżonn li l-Qorti tittrattjeni ruħha fuq il-kwistjonijiet imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi f'materja ta' assikurazzjoni ta' karrozza l-Qorti hi ta' fehma li d-dettalji dwar jekk il-proponent kienx misjub ħati għal ħtijiet rigwardanti s-sewqan huma tali li jinteressaw lill-assikuratur, u kwindi għandhom jissemmew biex huwa jista' jivvaljahom u jiddeċidi x'jagħmel, u ċjoè jekk jaċċettax li jassikura lill-proponent, u f'każ affermattiv taħt liema kondizzjonijiet. Kif jidher, il-Qorti qegħdha taċċetta li nformazzjoni għandha tiġi ritenuta rilevanti jekk tinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-assikuratur fiż-żewġ sensi premessi, kif sottomess mill-attur nomine;

Illi kwantu għall-mod kif ingħamel fil-formola dwar id-dettalji taħt eżami, il-Qorti hija tal-fehma, speċjalment in vista tal-fatt li l-kuntratt ta' assikurazzjoni hu miżmum bħala wieħed tal-aqwa bwona fede, li l-proponent għandu jagħti risposta ċara, speċjalment dwar dettalji li jiġi mistoqsi espressament fil-formola, billi dan il-fatt jistabbilixxi l-preżunzjoni li d-dettalji rikjesti huma ritenuti mportanti mill-assikuratur. Anzi hu ġeneralment ritenut li l-propo-

nent hu fid-dinir li jsemmi kull fatt li raġjonevolment għandu jħoss li hu rilevanti lill-assikuratur li jkun jaf anki jekk ma jkunx mistoqsi. Il-Qorti tħoss li linja flok risposta tista' titqies li ma tikkostitwixxi ebda risposta, għaliex fil-fatt ma tgħid xejn; iżda fiċ-ċirkustanzi tal-każ, billi risposta eżatta tirrikjedi jew dettalji ta' sentenzi jew xi ħaġa li tindika li ma kienx hemm sentenzi, sinjal aktar għandu jittieħed bħala risposta negattiva milli risposta newtrali, li tixħet fuq l-assikuratur obligu li jerġa jitlob domanda iżjed preċiża; bil-konsegwenza li, jekk ma jitlobhiex u jiffirma l-kuntratt, jiġi ritenut li rrinunzja għad-domanda li jkun għamel rigward id-dettalji qabel rikjesti. Forsi kien jista' jiġi ritenut hekk li kieku ma kienx hemm ebda sinjal, għalkemm li wieħed jħalli vojt jista' jkun ukoll qiegħed jagħti mpressjoni differenti mill-fatti veri, u hekk l-assikuratur ikun jista' wkoll ma jirrikonoxxix il-validità tal-kuntratt;

Illi dwar il-kwalità ta' Philip Gatt, hu stess qal li ħass li, meta mela l-formola, hu kien qiegħed jagħmel dan għall-konvenut (fol. 100), u mhux għas-soċjetà assikuratriċi. Anki kieku ma qalx hekk, però il-Qorti ukoll kienet tiddeċidi hekk, ladarba l-konvenut ma qagħadx fuq dak li għamel l-istess Gatt, iżda ffirma wara li ħares lejn il-formola u aċċerta ruħu li kollox kien sew billi b'dan il-mod hu assuma r-responsabbiltà tal-korrettezza tal-mili tal-formola. Barra minn hekk, f'każi bħal dawn, u indipendentement mill-fatt jekk il-proponent iħarisx jew le lejn il-formola, min materjalment jimla' l-formola għandu jiġi ritenut li qiegħed jagħmel dan flok min hu obligat jagħmel dan, i.e. il-proponent, u mhux għan-nom tal-assikuratur meta speċjalment, bħal fil-każ preżenti, huwa iniżżel dak li jkun qallu l-proponent. Din l-opinjoni ssib rafforz fil-konsiderazzjoni li dan hu dejjem obligat li jagħti l-informazzjonijiet kollha li raġjonevolment jinfluwixxu fuq jekk il-kuntratt jiġix firmat jew le fuq il-kondizzjonijiet li taħthom jiġi ffirmat: mill-banda l-oħra, din il-konsiderazzjoni għandha tikkrea fil-proponent ċerta diffida fl-awtorità tal-aġent li ikun qiegħed jimlielu l-formola, li jirrinunzja għad-dettalji rikjesti fil-formola anki jekk jqies li qiegħed jagħmel ix-xogħol tal-mili għan-nom tal-assikuratur, billi f'ħaġa simili għandu jaċċerta ruħu li l-aġent għandu verament din

n-nakontà ta' rinunzja, billi din hija l-eċċezzjoni, u mhux ir-regola. Dan ma sarx fil-każ in eżami;

Illi mill-premess hu anki evidenti li l-bwona fede tal-proponent fil-mili tal-formola jista' jkollha mportanza biss relattiva u ferm relattiva, billi l-kuntratt, għall-assikuratur, hija ħaġa affettiva fil-fatti speċje, li jiġi lilu prospettat oġġettivament, indipendentement mill-fatt jekk il-proponent ikunx in bwona fede jew in mala fede meta jgħidlu l-vera natura tar-riskju assikurat. Lill-assikuratur tinteressa din in-natura tar-riskju, u kwindi għandu jkollu d-dritt li jitlob il-ħall tal-kuntratt jekk, anki bl-akbar bwona fede, il-proponent ma jkunx tah il-kwadru sew u eżatt tal-oġġett tal-kuntratt, purkè d-dettalji ommessi jkunu tali li raġjonevolment jinfluwixxu fuq id-deċiżjoni li jasal għall-kuntratt fil-forma li jkun iffirmaħ;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan l-istadju tirrendi ruħha neċessarja *l-indaġini* jekk il-fatti soppressi, u ċjoè is-sentenzi li l-attur sab li l-konvenut kellu kontra tiegħu u li ma qalx, humiex ta' gravità tali li, kieku dikjarati mill-bidu, kienu jinduċu lill-attur nomine biex, jew ma jassikurax lill-konvenut, jew jassikurah bi "premium" iżjed għoli. U hawn jiġi preċiżat li l-azzjoni preżenti hija bażata fuq is-soppressjoni ta' fatti materjali da parti *tal-konvenut fil-konfront tal-attur*, u mhux fuq is-sempliċi fatt li l-konvenut ma qalx il-fatti li kellu jgħid independentement mill-materjalità relattiva, bħala kondizzjoni tal-ftehim. Dan jirriżulta miċ-ċitazzjoni, fejn hemm riferenza għall-kontenut tad-dikjarazzjonijiet li saru, jew aħjar għall-importanza ta' dak li ġie ommess, tant *li l-attur nomine* ġie żvijat, billi "si trattava ta' fatti ta' mportanza materjali", u anki mid-dikjarazzjoni tal-fatti fejn l-importanza tad-dettalji soppressi tingħad li tirriferixxi għall-proprijetà tal-karrozza u għat-"traffic offences", kif ukoll minn nota tal-osservazzjonijiet (fol. 59), fejn l-attur jerġa jsemmi dawn il-kontravvenzjonijiet, u jgħid li kienu f'perijodi relattivament viċini lejn xulxin u "kienu jwasslu lill-attur, kieku kien *jaf bihom biex jara li l*-"moral hazard" kien tali li, jew ma jinxurjax lill-konvenut, jew inkella jitlob 'premium' wisq iżjed";

Illi hu evidenti li normalment il-kriterju li jiġi wżat f'din l-indaġini huwa aktarx soġġettiv milli oġġettiv, u kwindi joffri ċerta diffikultà, billi assikuratur jista' jirreaġixxi differentement minn assikuratur ieħor għall-istess informazzjoni. Fil-każ preżenti, però, il-Qorti ssib li din id-diffikultà ma teżistix, billi mill-mod kif żvolġew ruħhom il-fatti wara li saret il-"claim" mill-konvenut meta ħabat wieħed jista' jiddeżumi dak li preżumibbilment kien ikun l-atteġġjament tal-attur nomine kieku kien jaf dak kollu li sar jaf wara dwar it-"traffic offences" tal-konvenut; u dan minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li għadha kif ġiet riprodotta minn nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, billi l-forza tal-fatti hija akbar minn dik tal-argumenti. Fil-fatt il-konvenut isemmi dan b'mod differenti, meta fl-eċċezzjoni li ta in vija subordinata qal li bl-aġir tiegħu l-attur ġie rratifika l-polza, u kwindi ma jistgħax iżjed jimpunjaha;

Illi l-fatti li l-Qorti qegħdha tirriferixxi għalihom huma dawn, ċjoè:— (a) L-attur kien jaf bit-"traffic offences" tal-konvenut almenu fl-ewwel ta' Ottubru 1960 (ara dokument fol. 75), u ntant huwa ppreżenta ċ-ċitazzjoni fit-28 ta' Diċembru 1960; (b) non ostante li huwa għamel iċ-ċitazzjoni, huwa għamel "endorsement" tal-polza fil-21 ta' Jannar 1961 (fol. 31); (ċ) dan l-"endorsement" hu fis-sens li jista' jsuq il-karrozza l-konvenut biss, basta l-liċenza ma tkunx sospiża; (d) u l-karrozza kienet ġiet imsewwija u konsenjata lill-konvenut fl-10 ta' Diċembru 1960, mentri li l-liċenza tiegħu ġiet sospiża b'deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 1961 (ara verbal tal-11 ta' Ġunju 1962 fol. 103);

Illi qabel ma tgħaddi biex tikkommenta fuq dawn il-fatti il-Qorti ssemmi l-prinċipju li l-assikuratur għandu jkollu żmien raġjonevoli biex jiddeċidi fuq l-atteġġjament li jieħu meta jirriżultalu li l-proponent ma jkunx mexa sew fil-mili tal-formola, kif ġara fil-każ preżenti; minn dan l-atteġġjament, però, jista' jkun prekluż milli joajjem in-nullità, jew aħjar l-annullament tal-kuntratt, u ċjoè jekk ikun mexa b'mod li minnu wieħed raġjonevolment għandu jindući rinunzja għal azzjoni simili, speċjalment meta din l-azzjoni tkun per sè inkompatibbli mal-istess atteġġjament;

Dan premess, il-Qorti tgħid li l-attur nomine ppreġu-

dika l-pożizzjoni tiegħu irrimedjabbilment bil-mod li aġixxa meta, appena sar jaf il-fatti almenu fl-ewwel ta' Ottubru 1960, huwa għalkemm irriżerva d-drittijiet tiegħu, ma rripudjax mill-ewwel il-kuntratt (il-Qorti mhix issemmi li fit-28 ta' Settembru 1960 — fol. 52 — id-ditta attriċi assumiet *l-obligu li tħallas għat-tiswijiet skond* il-polza, wara protest legali tal-konvenut, għaliex qegħdha tagħti lill-attur il-benefiċċju li ma kienx għadu jaf bis-sentenzi non ostante li dan kien tliet ijiem biss qabel l-ittra tiegħu tal-ewwel ta' Ottubru 1960, li ssemmihom); infatti l-polza allura baqgħet isseħħ u kienet tkopri l-karrozza għall-perijodu li reġgħet lura msewwija għand il-konvenut, u dan użaha mill-10 ta' Diċembru 1960 sakemm *kellu sospensjoni* tal-liċenza xahar wara. Dan huwa pruvat ukoll mill-fatt li seta' jsir "endorsement" tagħha fil-21 ta' Jannar 1961, billi dan apporta modifika f'dak li kien ġa jeżisti u li kellu jibqa' jeżisti, sija pure modifikat, sal-perijodu oriġinarjament stipulat, ċjoè sal-10 ta' April 1961 (fol. 31). Issa, mhux possibbli li wieħed jimpunja att meta huwa ħallieh *in vigore għal żmien sew wara li kien ilu jaf li seta' jwaqqgħu*;

Però, dwar ir-raġuni li fuqha l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni preżenti u ċjoè dwar ir-raġuni li hu kien jaf li seta' jwaqqa' l-kuntratt, jixħet dawl partikulari l-kontenut tal-"endorsement" li għadu kif issemma; infatti per mezz tiegħu, malgrado s-sentenzi preċedenti dwar is-sewqan tal-konvenut, li fuqhom l-attur nomine qiegħed jibbaża l-azzjoni preżenti, u meta l-konvenut kien għadu kif kellu sentenza oħra li mportatlu s-sospensjoni tal-liċenza, il-kondizzjoni tal-"endorsement" kienet fis-sens li l-karrozza "seta' jsuqha l-konvenut biss", salv naturalment il-perijodu tas-sospensjoni tal-liċenzja; u dan mingħajr *ebda awment* fil-"premium". Il-Qorti ssibha diffiċli biex tara kif l-attur, meta għamel il-polza, u ċjoè meta għad ma kienx hemm l-aħħar sentenza (l-agħar fost kollha għaliex il-preċedenti kienu tali li ma kellhomx konsegwenzi ta' danni u ma affettawx il-"premium", tant li l-konvenut ġie mogħti n-"no claim bonus"), kien jispiċċa jagħmel kif issa jgħid li kien jagħmel, *u ċjoè jew li ma jassikurax lill-konvenut jew iżommlu "premium" għola*. Fil-fatt ma aġixxiex hekk meta kien jaf b'fatti agħar, billi ħallieh assikurat bl-istess

"premium"; u hu għalhekk li l-Qorti l-ewwel qalet li iżjed wieħed għandu joqgħod fuq il-fatti riżultati milli fuq ħaġa oħra. U taħt dawn iċ-ċirkustanzi mhux il-każ li wieħed isemmi kriterju dwar l-importanza li għandha tingħata lill-"convictions" preċedenti tal-konvenut, billi qiegħed jiġi applikat dak li rriżulta li kien ikun tal-attur stess, u dan hu t'sens kuntrarju għal dak li l-lum qiegħed jallega li kien ikun; del resto, kif ġa ntqal, anki kieku kellu jiġi ritenut il-kuntrarju, u allura l-attur jiġi li kellu għall-bidu d-dritt li jimpunja l-kuntratt, huwa tilef dan id-dritt bil-mod li aġixxa wara li kien jaf ir-raġuni li kienet tintitolaħ jagħmel dan, billi dan il-mod mhux konċiljabbli ma' azzjoni simili;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attur nomine; ben intiż li dawk inkorsi mill-intervenut fil-kawża jitħallsu minnu stess.